A.L. 289 ta' l-2004

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME, 1948
(KAP. 123)
ATT DWAR IT-TAXXA TA' REĠISTRAZZJONI TA' VETTURI BIL-MUTUR, 1994
(KAP. 368)

Regoli ta' l-2004 Dwar Eżenzjonijiet Fiskali (Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikli 12 u 96 ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, 1948 (Kap. 123); Artikli 19 u 20 ta' l-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, 1994 (Kap. 368) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-"Atti", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-2004 Dwar Eżenzjonijiet Fiskali (Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej).

(2) Dawn ir-regoli ġew fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

Istituzzjonijiet li għalihom għandhom japplikaw dawn ir-regoli.

2. Il-provvedimenti ta' dawn ir-regoli għandhom japplikaw għall-

(a) Parlament Ewropew

(b) Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

(ċ) Kummissjoni Ewropea

(d) Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(e) Qorti Ewropea ta' l-Awdituri

(f) Organizzazzjonijiet Oħra:

(i) Il-Bank Ċentrali Ewropew

(ii) Il-Bank ta' Investiment Ewropew

(iii) Ombudsman Ewropew

(iv) Kull organizzazzjoni oħra tal-Kommunitajiet Ewropej li tista' tiġi approvata mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Promozzjoni ta' l-Investiment bi qbil mal-Ministru tal-Finanzi minn żmien għal żmien.

Eżenzjonijiet Fiskali.

3. L-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, hawn fuq imsemmija, se jkunu eżenti mit-taxxi u ħlasijiet kif se jingħad hawn taħt:

(a) b' riferenza għall-Att Dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, skond Artiklu 12(2) ta' l-istess Att;

(b) b' riferenza għall-Att Dwar it-Taxxa fuq ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, skond Artiklu 19(2) ta' l-istess Att.